**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Avviz numru 18/2019 CFF**

**Smart Office Supplies**

**vs**

**Minsitru tal-Edukazzjoni u Xoghol**

**Illum 20 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promutur ta' Smart Office Supplies fejn esponiet:

U tgħid għaliex ma' għandkomx tkunu kkundannati tħallsu, prevja kull dikjarazzjoni ta' din il-Qorti hekk meqjusa nececessarja, inti thallasha s-somma ta' tmint elef seba mija u tmintax-il euro u hamsa u tletin ċenteżmu (8,718.35 euro) jew dik is-somma ohra verjuri li din il-Qorti tikkundannak thallas.

Din is-somma dovuta lis-socejta attriċi minnek tirrapreżenta bilanċ mill-prezz dovut lilha ghal bejgh, konsenja ta' elf mitejn u hamsin riżma karti A3 80 GMS Avorio Fabriano, skont il-fatturi mehmuża bin-numri 080794, 080795, 08796, 080797 u 08098 ('A') u dan wara illi intom kontu diġà hallastu ghal konsenja taz-193 rizma karti identiċi ghal dawk fil-fatturi kwotati hawn fuq ('B') into diġà gejtu interpellati thallsu din is-somma darbtejn ('C') iżda bqajtu inadempjenti.

Bl-imghax fuq dan l-ammont, u bl-ispejjez kontrik li minn issa tinsab ingunt in subizzjoni.

Il-Qorti tinnota li daħlet risposta tal-Minsiteru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol datata 18 ta' Frar 2019 li tinsab a fol 21 tal-proċess, fejn esponew:

Illi l-esponent qieghed prezenjalment iressaq l-eccezzjonijiet tieghu ghat-talbiet atturi, liema eccezzjonijiet huma kollha minghajr pregudizzju ghal xulxin

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeceppixii illi t-terminu sabiex tigi pprezentat risposta jibda jiddekkorri gialadarba illi r-rikorrent johrog notifika fil-konfront tal-Avukat Ġenerali u dan ai termini tal-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi r-rikors in risposta qatt ma gie nnotifikat lill-Avukat Generali.

2. Illi fil-mertu il-pretensjonijiet vantati mis-socjeta attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jiġu michuda;

3. Illi l-esponenti jirreleva illi s-socjeta attriċi giet infurmata illi l-kunsinna ta' 1057 rizma (reams) kart A3 Avorio ma kenitx tirrapreżenta l-ammont stipulat (Vide Dok A anness mar-rikors promotur) u dan gie kkomunikat mill-bidu nett lis-socejta rikorrenti tant li lanqas id-delivery note relattiva ma giet iffirmata. B'konsegwenza illi d-Dipartiment tal-Kurrikulu fi hdan il-Minsiteru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol zamm il-kunsinna bla preġudizzju u bi ftehim mas-socejta Attrici sabiex jiġu evitati spejjez u hela ta' hin gialadarba l-kwistjoni kienet tiġi solvuta;

4. Illi l-bejjiegh ghandu l-obbligu illi jiggarantixxi l-haga mibjugha kif mifthiema u dan ai termin tal-artikolu 1378 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi jekk il-haga li l-bejjiegh iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita mwieghda jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista jaghzel jew li jirrifjuta l-haga ai termini tal-Artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. L-esponent di piu jirrileva illi d-Dipartiment relattiv ghamel kuntatt mas-socejta attriċi biex jintlahhaq ftehim fuq id-differenza fl-ammont izda din tal-ahhar irrifjutat li tasal fi ftehim;

7. Illi l-esponent qatt ma jista jaċċetta kwotazzjoni fuq rizma li jkun fiha nofs l-ammont stipulat ghaliex dan ikun inġust fuq l-offerti l-ohra li offrew rizmi b'ammont kif suppost u cioe ta' hames mitt (500) karta. Jiġi rrilevat li mkien fl-offerta tas-socejta attriċi ma gie indikat illi flok hames mitt (500) karta l-ammont kien ta' mitejn u hamsin (250) (vide kunsinni tal-ghamla A4 Rizmi f'korrispondenza u quotation bejn is-socejta attriċi u l-esponent mmarkat bhala dok 'MEDE 1'). Ghaldaqstant il-bejjiegh hu obbligat jikkunsinna l-haga fil-kwantitat kollha mifthiema ai termini tal-artikolu 1399 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi dwar l-ammont ta' mija tlieta u disghin (193) rizma karti li gew mhallsin u accetati mill-esponent, l-esponent jindika illi huwa hallas dik il-kunsinna u aċċetta dak l-ammont biss ghaliex waqt il-kunsinna hadd mid-dipartiment ma rrealizza li flok hames mitt (500) kull pakkett u cioe rizma, il-pakkett rizma kien fihom biss mitejn u hamsin (250) karta. Jinghad illi fl-okkorenza illi l-esponent kien jinduna b'dan l-izball qabel ma hallas, ma kienx lanqas jaċċetta dak l-ammont. Għaldaqstant l-esponent ċertament ma qabilx mal-ammonti indikati fi tieni kunsinna u dan kif spjegat fis-suespost

9. Illi l-esponent jiċħad l-allegazzjonijiet li qed isiru fil-konfront tiegħu u jisħaq li r-rikorrenti irrid iġib prova ta' dak kollu li qed jiġi allegat minnu.

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti

Rat ix-xhieda ta' Josef Borg, Louis Scerri, Oswaldo Pace, Paul Edgar Ellul, Carmen Muscat;

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esibiti u cioè dok A, dok B, dok C, dok MEDE 1, dok JB1, dok KB1, dok CM1, dok MEYR1.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet

**Ikkunsidrat:**

**Josef Borg** qal li huwa direttur fi ħdan Smart Office Supplies Ltd għal dawn l-ahhar ħdax-il sena. Huwa kien irċieva talba sabiex jikkonsenja 1250 riżma karti A3 ta’ kulur ivory cream. Huwa kien baghat il-quotation u jumejn wara talbuh sample tal-karta u fil-31 ta’ Mejju 2018 irċieva confirmation ghall-order u fil-fatt kien informahom li sejra tinqasam fit-tnejn. Kif waslu l-ewwel żewġ pallets, dawn ittieħdu ġewwa l-Ministeru tal-Edukazzjoni u din l-ewwel ordni ġiet imħallsa. Wara l-ahhar ta’ Awwissu irċevew it-tieni konsenja u marru ħadu din il-konsenja wkoll. Illi meta inghata l-ewwel wahda qatt ma kien hemm xi haġa jew inkella li ġibdu l-attenzjoni fuq il-konsenja. Gara però li meta hadu t-tieni konsenja ġie infurmat li Louis Scerri minn naħa tal-Minsiteru ma kienx se jaċċetta din il-konsenja minħabba li ma kienux ta’ 500 karta iżda ta’ 250 karta. Illi f’dan il-kaz ma kienx hemm email li turi jekk kellux ikunu ta’ 500 karta jew 250 karta. Illi skont hu hemm riżma b’ammont ta’ karti differenti u cioè 250 jew inkella ta’ 500 karta. Skont hu kien it-tort tagħhom li ma qalu xejn dwar kemm għandha tkun riżma karta jekk hux ta’ 250 jew inkella ta’ 500 karta u hu kien ikkonsenja 1250 riżma karti. Il-Ministeru kien ħallas biss l-ewwel konsenja u cioè biss ta’ 193 reams. Illi meta inġiebet l-ewwel konsenja u t-tieni konsenja hadd min-naħa tad-dipartiment ma kellimhom. Illi in kontro-eżami qal li riżma karti mhux bilfors ikun hemm 500 karta għax dan jiddependi mill-ħxuna tal-karta. Illi skont hu ma kienx hemm miktub li r-riżma irid ikollha 500 karta ġewwa fiha. Illi skont hu l-kumpanija tagħhom għandhom riżma tal-karta A3 bil-250 biss li jġib. Rigward konsenja oħra li kienet saret, kienet dwar karti A4 li l-ammont kien ta’ 500 karta illi però f’dan il-każ il-karta kienet tat-tip A3.

Meta reġa’ xehed fis-seduta tat-3 ta’ Marzu 2020 huwa esebixxa email mibgħuta minn Carmen Muscat fejn qiegħed jintalab ammont ta’ folji ta’ karti u mhux riżma karti.

**Louis Scerri** ikkonferma li kienu għamlu quotations min-naħa tal-Ministeru tal-Edukazzjoni għal karti sabiex jintużaw għal printing. Huma kien għażlu lil Smart Office Supplies minħabba li kienet l-orħos mill-offerti li kellhom u dan għal 1250 riżma karti. L-ewwel konsenja ġiet għal

ħabta ta’ bejn Lulju u Awwissu meta huwa ma kienx xogħol waqt li t-tieni konsenja waslet wara u huwa kien xogħol. Huwa ikkonferma li kien ċertu Alex Grech li ha l-konsenja iżda din ma kienitx intużat u għada merfugħa. Huwa qal li mill-konsenja tal-A4 ma kienx hemm problemi iżda rigward il-karti tal-A3 kien hemm problema minħabba li kienu ta’ 250 folja u mhux 500 folja u għalhekk inġib nofs ix-xogħol li kien ordnat. Illi t-tieni konsenja ma kienitx tħallset iżda nżammet għandhom.

Huwa xehed ukoll permezz ta’ affidavit fejn reġa’ ikkonferma il-fatti li kien qal fl-ewwel xhieda tiegħu fejn żied ukoll li malli induna fit-tieni konsenja li kien hemm 250 karta flok 500, ma ridtx jaċċetta minħabba l-fatt li din ma kienitx l-orħos offerta. Huwa żied jgħid li l-kelma riżma karti tfisser ammont ta’ 500 karta u mhux ta’ 250 u kien l-ewwel darba li sema dan il-fatt.

**Oswaldo Pace** fejn qal li l-kelma riżma tfisser 500 karta iżda huwa ma kienx involut f’dan il-każ. Illi kompla jgħid li jekk xi hadd jitlob karta b’piż differenti, allura l-ammont jiġi anqas u ma jissejahx riżma. Riżma hija ta’ 500 karta.

Meta reġa’ xehed in kontro-eżami, ikkonferma li riżma hija ta’ 500 folja karti ikun il-pakkett iżda jekk titlob mod ieħor ikunu folji mniżżla.

**Carmen Muscat** xehdet permezz ta’ affidavit ikkonfermat li kull meta talbet quotation għal karti dejjem użat il-kelma riżma u kienu ta’ 500 folja karti. Hija esebiet ukoll dokumenti fejn juri d-definizzjoni tal-kelma riżma.

**Ikkunsidrat**

Il-fatti ta’ dan il-każ huma Smart Office Supplies intghazlet sabiex iġġib konsenja ta’ karti lil Ministeru tal-Edukazzjoni. Illi fil-fatt hekk gara, li inġiebet konsenja ta’ karti tat-tip A3 u tħallset tal-ewwel konsenja. Waqt li meta waslet it-tieni konsenja, u ttieħdet ġewwa l-Ministeru, gara li Louis Scerri informa lil Smart Office Supplies li ma setgħux jaċċettaw dan l-ammont minħabba l-fatt li kienu ta’ 250 folja kull pakkett u mhux 500 folja. Illi għalhekk l-ahhar pagament ma tħallasx. Illi min-naħa ta’ Smart Office Supplies qalu li kien tort tal-Ministeru li meta ordnaw il-karti semmew ammont ta’ riżma u hu kien iġib riżma karti li jkun fihom 250 karta. Illi għalhekk id-differenza kienet ta’ xi tfisser il-kelma riżma jekk hux ta’ 500 folja jew inkella tvarja minn pakkett għall-ieħor. Illi f’dan il-każ, tela jixhed Oswaldo Pace li huwa direttur fi ħdan l-istamperija tal-Gvern fejn ikkonferma li l-kelma riżma tfisser 500 folja

karta u mhux kif qiegħed jingħad minn Smart Office Supplies. Illi għalhekk min-naħa ta' Louis Scerri ma setax jaċċetta l-ammont mibgħut lilhom minħabba l-fatt li kienet nofs konsenja u aktar għolja minn ta' haddiehor minħabba l-fatt li għalih riżma karti tfisser 500 folja u mhux 250. Illi gara li din il-konsenja ta' karti inżammet mill-istess Ministeru iżda ma ntuzatx tant li ġiet depożitati fil-Qorti. Illi għalhekk il-fatti tal-każ jistrieħu jekk fil-fatt il-kelma riżma hija ta' 500 folja karti jew inkella tista' tkun liema tkun.

**Provi**

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi fuq il-mertu tal-każ, sejra tagħmel referenza għal dak li jgħid l-Artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-partijiet għandhom iressqu l-aħjar prova. Illi għalhekk huwa mistenni li kull parti tressaq dik il-prova neċessarja sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi fuq il-każ u fin-nuqqas ta' impossibilita' li jkun hemm dik il-prova, il-Qorti tista' tħares lejn provi sekondarji. Illi l-Qorti timxi mal-prinċipju li fil-kamp ċivili l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah.

Illi wkoll fil-każ **Simone Eve Collette Sammut et. v. Adam Sammut et.** (Rik. 1047/2014/1, 17/03/2021) fejn l-appellanti ikkontestaw numru ta' dokumenti li kienu ġew esebieti:

> *"l-prinċipju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, jiġifieri onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawża. ..."*

Illi in oltre, kif ġie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deċiża nhar il-ħamsa w għoxrin (25) t'April, 2002, mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:-

> *"Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hi bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtieġa trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġonevoli."*

Għal dak li huwa apprezzament tal-provi, l-kriterju determinati m’huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, izda jekk dawk l- ispjegazzjonijiet humiex verosmili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta’ Ġunju, 1980). Il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f’mohh il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta’ provi meqjusa fuq bilanc ta’ probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim’Awla tal-Qorti Ċivili – 8 t’April, 1994 ; **Borg vs Manager ta’ l-Intrapriza tal-Halib** – Prim’Awla tal-Qorti Ċivili – 17 ta’ Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummerċjali – 25 ta’ Frar, 1952).

**Ikkunsidrat**

Illi miċ-ċirkostanzi tal-każ din il-Qorti trid tara jekk il-kelma użata bħala riżma jew bl-Ingliż ream hiex ta’ użu bħala standard fejn jidħol pakkett tal-karti li jkollu ħames mitt folja jew inkella hux ta’ kwalunkwe ammont. Illi mill-provi mressqa, l-konvenut ressaq bħala xhud rappreżentant tal-Istamperija tal-Gvern fejn iddikjara li ma kellu x’jaqsam xejn mal-każ u wera is-snin ta’ esperjenza fil-qasam tal-istampar. Illi minn dak li qal, il-kelma riżma tfisser ammont ta’ ħames mitt folja waqt li jekk ikunu anqas ma tintużax il-kelma riżma iżda ssir referenza għal folji. Illi wkoll ġie esebiet tifsira tal-kelma ream, fejn uriet li l-ammont ta’ folji huwa ta’ ħames mitt folja. Illi min-naħa tal-attur prova jagħti l-impressjoni li l-kelma ream hija miftuħa u m’għandhiex tifsira waħda u cioè ta’ ħames mitt folja.

Illi bla dubju ta’ xejn, l-attur wera li ilu jaħdem f’dan il-qasam tant li ilu madwar ħdax-il sena bħala direttur tal-istess kumpanija Smart office Supplies u anki għamel xi żmien qabel jaħdem ma’ haddiehor fl-istess qasam. Illi din il-Qorti ma tistax tifhem kif persuna li ħadem f’dan il-qasam, ladarba skont hu il-kelma riżma għandha tifsira differenti ma talabx meta kien hemm talba għal-ammont mitlub ta’ riżma karti, ta’ kemm għandu jkun l-ammont ta’ folji li jekk skont hu l-kelma tintuża bħala waħda ġenerika u ma tfissirx ħames mitt folja. Illi skont hu, x-xogħol li ġab għal konvenut it-tort kien tagħhom minħabba li ma jifhmux. Illi għandu jingħad però li kellu jkun hu li jindika ta’ kemm għandha jkollha riżma jekk skont hu għandha tifsira differenti fejn jidħlu folji ta’ karti. Illi għalhekk il-Qorti tara li dan in-nuqqas ġej minn naħa tal-attur fejn huwa stess naqas li jistaqsi se mai kemm kellhom ikunu n-numru ta’ folji jekk il-kelma riżma hija tant miftuħa. Illi però l-Qorti hija tal-fehma li l-kelma riżma tfisser ħames mitt folja u mhux kif prova jagħti l-impressjoni l-istess attur li jista’ jkunu ammonti differenti.

**Il-Bejgħ**

Illi l-konvenuti għamlu referenza għal-artikoli 1378, 1390 u 1399 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn skont l-artikolu 1378 jgħid espressament li:

> ***1378.*** *1l-bejjiegħ għandu fuq kollox żewġ obbligi, jiġifieri, li jikkunsinna, u li jiggarantixxi l-ħaġa mibjugħa*.

Waqt li l-artikolu 1390 jgħid:

> ***1390.*** *Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*

Waqt li l-artikolu 1399 jgħid:

> ***1399.*** *Il-bejjiegħ hu obbligat jikkunsinna l-ħaġa fil-kwantità kollha miftiehma, bla ħsara ta' dak li jingħad xort' oħra fl-artikoli li ġejjin.*

Illi dawn it-tlett artikoli tal-liġi huma marbuta flimkien għal każ odjern. Illi l-attur skont il-fatti tal-każ, ġab konsenja ta' karti li skont hu kienu fil-kwalità li l-konvenuti riedu meta għamlu t-talba. Dan għaliex skont hu, l-kelma riżma għandha l-istess tifsira għal anki pakketti ta' karti li jkollhom ferm anqas minn ħames mitt karta. Illi f'dan il-każ il-bejgħ ta' dawn il-karti kienu ta' mitejn u ħamsin folja karta (250) flok ħames mitt (500) karta. Illi min-naħa tal-konvenuti, dawn il-karti ma kienux skont kif kien miftiehma minħabba l-fatt li kienu ferm għola bħala prezz minħabba l-kienu ta' mitejn u ħamsin folja flok il-ħames mitt karta li jkollha skont l-użu tal-kelma riżma kemm għandha jkollha. Illi għalhekk fir-risposta tal-konvenut, saret referenza għal-istess artikolu hawn fuq kwotati. Illi mill-fatti tal-każ jirrizulta li l-istess konvenut mhux talli ma aċċettax il-kunsinna tal-karti iżda ġew depożitati l-Qorti minħabba l-fatt li ma kienux skont hu dak li kienu miftiehma bħala ammont ta' karti. Illi kif ingħad diġà, l-Qorti ħadet bħala definizzjoni tal-kelma riżma hija dik ta' ħames mitt folja u għalhekk ma tistax taqbel ma' dak li qal l-attur dwar il-kelma riżma għandha tifsira differenti u cioè li jista' jkollok ammonti differenti ta' folji ta' karti.

Il-Qorti sejra tagħmel referenza għad-deċiżjoni meħuda nhar it-18 ta' Ġunju 2010 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Natasha Grech vs M.I. Trading Ltd** fejn qalet hekk:

> *"Huwa mill-ewwel evidenti illi x-xorta ta' azzjoni esperita mir-rikorrenti hi dik li l-borom minnha komprati ma kienux tal-kwalita mweghda. Fi kliem iehor hi qeghda tallega inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta` intimata u, allura, qeghda tippretendi d-danni;*
>
> *Kif osservat, in linea generali d-danni ghandhom tifsira x'aktarx allargata minn dik tas-semplici restituzzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett mixtri. Dan, izda, ma jfisserx, imbaghad, illi d-danni ma humiex komprensivi tar-rifuzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett jekk ix-xerrej ikun illimita ruhu ghal xi wahda jew ohra minn dawn l-opzjonijiet. Ara a propozitu d-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Karl Francica -vs- Luke Piscopo et**", 9 ta' Jannar, 2009;*
>
> *Premess dan, hu accettat illi meta l-bejgh ma jkunx skond dak imwieghed ossija l-oggett mixtri ma jkunx konformi ghall-ftehim appattwit jew ghax ukoll difformi ghall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rceva l-oggett tal-bejgh. Dan huwa hekk "in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore". ("**Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884.*
>
> *[…]*
>
> *Fil-kaz prezenti, kif hekk kien ukoll il-kaz in re: "**Dorianne Bartolo Vella -vs- Industrial Motors Limited**", Appell Inferjuri, 26 ta' Jannar, 2005, il-garanzija konvenzjonali pattwita kienet tikkostitwixxi mezz ta' tishih ghall-harsien tax-xerrej b'aggunta ghal dawk iggarantiti mil-ligi sija jekk mill-ottika ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, sija jekk skond il-previzjoni tal-ligi specjali fl-Artikolu 73 (1) tal-Kapitolu 378 fuq riportat;*

Illi wkoll fil-kaz deciz mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2008 fl-ismijiet **Joseph Debono u martu Rita vs Uskin Ltd** fejn il-Qorti qalet hekk:

> *"Ma hemmx dubbju illi l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili jqis bhala rilevanti l-kwalita jew kwalitajiet li huma esenzjali ghall-uzu tal-haga jew li jifformaw l-oggett ta' xi impenn kontrattwali specifiku, u li, in mankanza, jintitolaw lix-xerrej li jagixxi ghar-rizoluzzjoni jew ghar-riduzzjoni tal-prezz. Huma dawn anke skond id-dottrina legali ir-rimedji generali esperibbli mix-xerrej fil-kaz ta' inadempiment. Ara **Bianca "La Vendita e la Permuta"**, Unione Tipografica - Editrice Torinese, 1972, pag. 845 et sequitur). Min irid jagixxi b' xi wahda minn dawn mhux bilfors u dejjem irid jghaddi ghar-radd lura jew depozitu ta' l-oggett li hu jqis difformi ghaliex dawn ma humiex xi ingredjenti sine qua non ghall-esperibilita` jew is-success ta' l-azzjoni. Il-kazijiet ivarjaw u huma dipendenti fuq ic-cirkostanzi specjali tal-kaz konkret. Dan hu hekk rikonoxxut anke mill-gurisprudenza taghna. Hekk il-Qorti ta' l-Appell irravvizat in linea ta' principju generali illi jezistu wkoll kazijiet eccezzjonali fejn ir-ritorn lura lill-venditur ta' l-oggett mibjugh ma tkunx fizikament possibbli. Ara "**Nazzareno Cauchi nomine -vs- Joseph Baldacchino et nomine**", 7 ta' Ottubru, 1997. Il-kaz prezenti hu wiehed minn dawn. Kemm prattikament kif ukoll ragonevolment huwa impossibbli illi l-bieb tal-garage, imwahhal in situ, jigi hekk ritornat lura lis-socjeta` venditrici, jew, altrimenti, depozitat. F' kull kaz, lanqas ma jirrizulta li ghadda zmien apprezzevoli bejn ir-recezzjoni tal-bieb konsegwita ghat-twahhil tieghu, u t-tehid mill-atturi ta' l-azzjoni taghhom. Minn din l-ottika s-sentenza hi allura wahda difettuza;"*

**Ikkunsidrat**

Illi minn dak li ntqal hawn fuq, il-Qorti tara li l-istess attur ma mexiex skont il-ftehim li kien hemm bejnu u l-konvenuti meta huwa offra kwantità ta' folji b'inqas minn dak mitlub. Illi min-naħa tal-istess konvenut ma talabx għal xi prezz differenti skont ma hemm imniżżel fl-Istess artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mhux talli ma talabx li l-konsenja kollha li dwarha qegħda ssir din it-talba ġiet depożitati l-Qorti. Illi għalhekk wara li din il-Qorti ikkunsidrat il-fatti tal-każ, tara l-talba tas-soċjetà attriċi ma tistax tiġi milqugħa u dan stante għal fatt li huwa ta konsenja mhux skont miftiehma.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda tichad it-tabla tas-socejta attriċi filwaqt li tilqa’ l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Minsiteru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol.

Tordna wkoll li s-soċjetà attriċi Smart Office Supplies tħallas l-ispejjeż konnessi ma’ dawn il-proċeduri.

**Dr Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**